31989R2067

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) 2067/89
tal-11 ta' Lulju 1989
li tistabbilixxi d-data ta' l-implimentazzjoni fil-Komunità tas-sistema ta' ċertifikati ta' oriġini provdut fil-Ftehim Internazzjonali tal-Kafè 1983, meta jkunu sospiżi l-kwoti

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 678/87 tas-26 ta' Jannar 1987 fuq l-applikazzjoni tas-sistema ta' ċertifikati ta' oriġini provduti skond il-Ftehim Internazzjonali tal-Kafè 1983 [1], u partikolarment Artiklolu 4 tiegħu,

Billi l-Kunsill ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafè iddeċieda fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Lulju 1989 biex jissospendi l-kwoti mill-4 ta' Lulju 1989;

Billi huwa għalhekk xieraq li jkunu implimentati d-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-implimentazzjoni tal-Ftehim Internazzjonali tal-Kafè 1983, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 678/87 għandhom japplikaw mill-4 ta' Lulju 1989.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fil-11 ta' Lulju 1989.

F'isem il-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 69, tat-12.3.1987, p. 1.